LEĠISLAZZJONI SUSSIDJARJA 545.05

REGOLAMENTI BIEX JIĠU STABBILITI L-PIENI DWAR SERVIZZI TA' L-ILMA

8 ta' Frar, 1994

L-AVVIŻ LEGALI 17 ta' l-1994, kif emendat bl-Avviż Legali 426 ta' l-2007.

Titolu.

1. It-titolu ta' dawn ir-regolamenti hu Regolamenti biex jiġu stabbiliti l-Pieni dwar Servizzi ta' l-Ilma.

Tifsir. Kap. 355.

2. F'dawn ir-regolamenti, kemm-il darba r-rabta tal-kliem ma teħtieġx mod ieħor, "l-Att" tfisser l-Att dwar il-Korporazzjoni għas-Servizzi ta' l-Ilma.

Reati kontra l-artikolu 43 ta' Att. *Emendat: A.L. 426 tal-2007.*

3. Kull min jinsab ħati ta' reat kontra d-disposizzjonijiet ta' l-artikolu 43 ta' l-Att, fil-każ li jinsab ħati għall-ewwel darba, jeħel multa ta' mhux anqas minn elfejn u tliet mija u disgħa u għoxrin euro u sebgħa u tletin ċenteżmu (€2,329.37) iżda mhux aktar minn erbat elef u sitt mija u tmienja u ħamsin euro u ħamsa u sebgħin ċenteżmu (€4,658.75) u, fil-każ li jinsab ħati għat-tieni darba jew iktar drabi wara, għal multa ta' mhux anqas minn disat elef u tliet mija u sbatax-il euro u disgħa u erbgħin ċenteżmu (€9,317.49) iżda mhux aktar minn tmintax-il elf u sitt mija u erbgħa u tletin euro u disgħa u disgħin ċenteżmu (€18,634.99).

Reati kontra l-artikoli 50 u 51 ta' l-Att. *Emendat: A.L. 426 ta' l-2007.*

4. Kull min jinsab ħati ta' reat kontra d-disposizzjonijiet ta' l-artikolu 50 jew ta' l-artikolu 51 ta' l-Att, fil-każ li jinsab ħati għall-ewwel darba, jeħel multa ta' mhux anqas minn erba' mija u ħamsa u sittin euro u sebgħa u tmenin ċenteżmu (€465.87) iżda mhux aktar minn elfejn u tliet mija u disgħa u għoxrin euro u sebgħa u tletin ċenteżmu (€2,329.37) u, fil-każ li jinsab ħati għat-tieni darba jew iktar drabi wara, għal multa ta' mhux anqas minn erbat elef u sitt mija u tmienja u ħamsin euro u ħamsa u sebgħin ċenteżmu (€4,658.75) iżda mhux aktar minn disat elef u tliet mija u sbatax-il euro u disgħa u erbgħin ċenteżmu (€9,317.49).

Reati kontra disposizzjonijiet oħra ta' l-Att. *Emendat: A.L. 426 ta' l-2007.*

5. Kull min jinsab ħati ta' reat kontra l-Att li ma jkunx reat kontra d-disposizzjonijiet ta' l-artikolu 43, 50 jew 51 ta' l-istess Att għandu, fil-każ li jinsab ħati għall-ewwel darba, jeħel multa ta' mhux anqas minn mitejn u tnejn u tletin euro u erbgħa u disgħin ċenteżmu (€232.94) iżda mhux aktar minn elf u tliet mija u sebgħa u disgħin euro u tnejn u sittin ċenteżmu (€1,397.62) u, fil-każ li jinsab ħati għat-tieni darba jew iktar drabi wara, għal multa ta' mhux anqas minn tliet elef u erba' mija u erbgħa u disgħin euro u sitt ċenteżmi (€3,494.06) iżda mhux aktar minn ħamest elef u tmien mija u tlieta u għoxrin euro u tlieta u erbgħin ċenteżmu (€5,823.43).

Reati permanenti. *Emendat: A.L. 426 ta' l-2007.*

6. Meta reat imsemmi fir-regolamenti ta' qabel dan ir-regolament ikun reat permanenti, il-qorti għandha, b'żieda mal-multa preskritta fir-regolamenti msemmija, tagħti multa addizzjonali ta' mhux anqas minn mija u sittax-il euro u sebgħa u erbgħin ċenteżmu (€116.47) iżda mhux iktar minn elf u mija u erbgħa u sittin euro u disgħa u sittin ċenteżmu (€1,164.69) għal

kull ġurnata, jew parti minnha, li matulha tkun seħħet il-permanenza, b'dan illi l-multa għall-permanenza tar-reat u l-multa mogħtija bis-saħħa ta' dawk ir-regolamenti ma għandhiex tkun iktar, b'kollox, minn tlieta u għoxrin elf u mitejn u tlieta u disgħin euro u tlieta u sebgħin ċenteżmu (€23,293.73).

Riserva għal piena ogħla.

7. Il-pieni stabbiliti b'dawn ir-regolamenti għandhom ikunu japplikaw salv kull piena oħra ogħla li jista' jeħel min jinsab ħati tar-reat taħt kull liġi oħra.